MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Numru 1006/2005

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia u
Sp Victor Aquilina)
vs
Anthony Gafa', iben Anthony,
imwieled il-Marsa fit-13 ta'
novembru, 1946

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-6 ta' novembru, 2005 ġewwa n-Naxxar u f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer –
1. ikkometta serq ta' serq ta' basket b'kontenut ta' aktar minn Lm100 imma anqas minn Lm1,000, mobile phone, credit cards u xi oġġetti oħra minn ġo vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBH 782, tal-marka VW Polo, għad-dannu ta' Isabel Borg, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, (il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBH 782) għad-dannu ta’ Isabel Borg liema ħsara ma tkunx tiskorri l-ħamsin lira maltin iżda iżjed minn għaxar liri maltin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ novembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ novembru, 2005 fejn l-imputat seduta stante ħallas id-danni ta’ Lm29.50 lill-parte ċivile.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a), 280(1) u 325(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------